**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04/2022

**Il-Ħamis 24 ta' Marzu, 2022**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:00 ta' wara nofsinhar. Kien hemm membri tal-Kunsill li kienu preżenti virtwalment.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku *(online)*

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

Désirée Vella Brincat – Kunsillier *(online)*

Raymond Lanzon – Kunsillier*(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

04.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill, li l-Kunsillier Charles Cesare talab li jkun skużat minħabba impenji personali. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa' din l-apoloġija.

04.1.2. Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03/K8/2022.

04.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K8/2022 kif ippreżentati.

04.2.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/0814/22/I** Kwotazzjoni mingħand Global Security għal-ambulanza u paramediċi għall-attività tal-31 ta' Marzu 2022 għall-prezz ta' €40 is-siegħa eskluż il-VAT.

**46/0845/22/I** Kwotazzjoni mingħand Salvu Mifsud għal 5 mobile toilets għall-prezz ta' €150 inkluż il-VAT.

**46/0871/22/I** Kwotazzjoni mingħand Zaren Scicluna għall-kiri ta' 5 mobile toilets biex jintużaw waqt il-ġirjiet ta' nhar il-31 ta' Marzu.

**46/0932/22/I** Kwotazzjoni mingħand General Cleaners għall-kiri ta' 5 mobile toilets biex jintużaw waqt il-ġirjiet ta' nhar il-31 ta' Marzu.

**46/0933/22/I** Kwotazzjoni mingħand Dr Samuel Aquilina għal servizz ta' tabib għal waqt il-ġirjiet ta' nhar il-31 ta' Marzu.

**46/0936/22/I** Kwotazzjoni mingħand Malta Red Cross għal serviz t'ambulanza għal waqt il-ġirjiet ta' nhar il-31 ta' Marzu.

04.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0814/22/I, 46/0845/22/I, 46/0871/22/I, 46/0932/22/I, 46/0933/22/I u 46/0936/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħmel użu mis-servizz tas-sur **Zaren Scicluna, Dr. Samuel Aquilina u Global Security Ltd,** abbażi li l-offerti tagħhom huma l-aktar vantaġġuża.

04.3.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0895/22/I** Email mingħand City Security fejn ikkonfermaw li jaċċettaw l-estensjoni tal-kuntratt PLC/K/03/2018 tal-Cash Collection.

04.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0895/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill iġedded il-kuntratt ladarba kien hemm qbil bejn iż-żewġ naħat.

04.3.5 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0918/22/I** Email mingħand Skola Nazzjonali tal-Isport fejn talbu biex dwar il-fence li hemm madwar l-ġnien quddiem l-iskola fi Triq Falaise, isiru l-arranġamenti meħtieġa, biex il-fence qadim jitneħħa u jsir ieħor ġdid tal-ħadid iggalvanizzat, in-naħa ta' barra, eżatt maċ-ċint tat-triq biex b'hekk il-ġnien tal-iskola, jkun jista' jintuża mill-istudenti.

04.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0918/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika r-risposta diġa mibgħuta fejn l-iskola ġew mitluba jipprovdu pjanta ta' fejn huwa tagħhom u fejn huwa pubbliku, u wara jagħmlu t-talba tagħhom lill-FTS biex ikun jista' isir u jiġi iffinanzjat dan ix-xogħol minnaħa tagħhom.

04.3.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

04.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0966/22/I** Email mingħand Floorpul rigward l-estensjoni ta' PLC-K-01-2019 - Maid Services, fejn infurmaw lill-Kunsill li lesti li jestendu l-kuntratt suġġett li jew jogħla l-prezz jew ir-rata tinżamm l-istess iżda ma tinkludix il-materjal tat-tindif.

04.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0966/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta li tinżamm ir-rata l'iżda ma tinkludix il-materjal tat-tindif, u għalhekk il-materjal tat-tindif jinxtara apparti mill-Kunsill. Il-kelliem irrimarka ukoll li dan għandu jsir sakemm il-Kunsill ma jsibx xi alternattiva aħjar.

04.3.11 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0989/22/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg issuġġerixxa li l-Kunsill Lokali Pembroke għandu jirrakkomanda li jospita l-bini tar-Reġjun Lvant fil-lokal, u għalhekk għandu jiġi issuġġeriet li jaraw jekk jistgħux jintużaw il-Bini tal-Arloġġ, il-bini tal-ex skola primarja Bice Mizzi Vassallo, jew jekk il-Kunsill jaqbel, il-possibilità li jsir żvilupp fis-sit tal-uffiċċju amministrattiv li jkun jinkludi ukoll lir-Reġjun.

04.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0989/22/O** fejn ippropona li l-Kunsill iniżżel din il-kwistjoni fil-minuti tiegħu u jirratifika dak diġa komunikat lir-Reġjun Lvant.

04.3.14 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0991/22/I** Email mingħand Nature Trust Malta jirrakkomandaw li ma jinqatax ħaxix tul Triq il-Mediterran minħabba l-fjuri selvaġġi.

**46/0995/22/I** Email mingħand Nature Trust Malta jinfurmaw lill-Kunsill li l-VIS ser ikunu qed jgħinuhom dwar il-proġett ta' pjanat ta' arbuxelli fi Triq il-Mediterran.

04.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0991/22/I u 446/0995/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jara li jimplimenta l-ftehim li għandu mal-BeeKeeper's Association. Il-kelliem żied ukoll li l-Kunsill għandu jistenna gwida minn NatureTrust dwar il-hedge li hemm tul Triq il-Mediterran u li qed jostakola l-bankina, partikularment dwar meta u kif dan għandu jinżabar. Bħala punt tat-tluq il-kelliem irrimarka li l-bankina, kemm hu possibbli m'għandha tkun ostakolata bl-ebda mod. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk il-Kunsill ma jirċievix risposta mingħand NTM, il-Kunsill għandu jieħu azzjoni.

04.3.17 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li għalkemm huwa tal-opinjoni li l-hedges m'għandhomx jinżabru għajr f'ċertu perjodu, fl-istess waqt ma jistax li jkun hemm periklu.

04.3.18 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.3.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1013/22/I** Kwotazzjoni mingħand J&K Contractors għal bdil ta' madum miksur quddiem Blokk 6 fi Triq Dun Ġużepp Farrugia.

04.3.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1013/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jmur għal print concrete finish sabiex isir titjib fuq dak li diġa hemm, ġaladarba m'huwiex possibbli li jinstab replacement għall-madum li hemm li ormai għamel żmienu wkoll. Il-kelliem irrimarka ukoll li l-Kunsill għandu joqgħod fuq il-parir tal-Perit tal-Kunsill dwar jekk għandiet titpoġġa xibka fil-konkos jew le.

04.3.21 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

04.3.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1022/22/I** Email mingħand Med Developers fejn b'referenza għall-ħajt madwar Ġnien Kalkutta informa lill-Kunsill li jkun għaqli l'issir qoxra tal-konkos biex dan jintrabat.

**46/1023/22/I** Email mingħand Med Developers fejn b'referenza għall-ħajt madwar Ġnien Kalkutta informa lill-Kunsill li l-kuntrattur ġie nfurmat biex juża xibka B503 u jevitaw l-ispejjeż.

04.3.23 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1022/22/I u 46/1023/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova dawn it-talbiet abbażi tal-parir tal-Perit tal-Kunsill.

04.3.24 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1027/22/I** Email mingħand LGD dwar il-Communication Allowance tas-Segretarji Eżekuttivi.

04.3.26 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1027/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jħallas l-arretrati kollha mas-salarju ta' Marzu 2022. Il-kelliem għamel referenza għal-ftehim milħuq bejn id-DLG, l-UHM, l-ANSEK u l-AKL, fejn ippropona ukoll li apparti l-benefiċċji indikata fil-ftehim, huwa kien qed jipproponi li l-linja ċellulari tal-Kunsill xorta għandha tinżamm

mill-Kunsill u tinżamm għand is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ħalli l-Kunsill ikun jista' jagħmel kuntatt f'kull ħin direttament miegħu, dan fid-dawl ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għandu apparat li jista' jkollu żewġ linji ċellulari u għalhekk il-Kunsill ma jkollux il-bżonn li jixtri mobile ieħor, sakemm ma jibdilx il-mobile tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

04.3.27 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1083/22/I** Email mingħand il-Mins. Għall-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni fejn informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-Espressjoni ta' Interess - *Installation of Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits* ġiet aċċettata.

04.3.29 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1083/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jimplimenta din l-għotja max-xogħol li għaddej fil-ġnien.

04.3.30 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1130/22/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn b'referenza għas-shade ma' lampa fi Triq Giorgio Mitrovich qed jissuġġerixxi biex min naħa tal-Kunsill nibgħatu ittra lir-resident li għamel it-talba fejn jiġi nformat li l-Kunsill qed jilqa' t-talba tiegħu pero' r-resident tal-viċin qed joġġezzjona.

04.3.32 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1130/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mar-residenti konċernata biex jintlaħaq ftehim bejniethom peress li hemm diverġenza opposta.

04.3.33 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

04.3.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1169/22/I** Email mingħand Refab lightblue fejn b'referenza għall-ġbir ta' ħwejjeġ użati nforma l-Kunsill li s-sistema taħdem billi l-ħwejjeġ jiġu esportata barra għal second-hand markets.

04.3.35 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/1169/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jiddiskuti din il-materja fid-dawl tal-fatt li mil-informazzjoni provduta huwa ċar li l-iskop mhuwiex riċiklaġġ ta' ħwejjeġ u li tali dettalji ma jidhrux fuq ir-reċipjenti tal-kumpanija, u għalhekk l-Kunsill ikun lest li jipparteċipa jekk kemm il-darba dawn ikollhom tabelli mar-reċipjenti tagħhom li jindikaw li l-ħwejjeġ qed jinbiegħu u li minnhom qed isir qligħ.

04.3.36 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

04.3.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1191/22/I** Email mingħand Ambjent Malta fejn informaw lill-Kunsill li ser jikkuntattjaw lill-Kunsill biex jużaw il-ġiebja u bagħtu dettalji ta' kuntratturi li jispeċjalizzaw fit-tindif u spezzjonijiet ta' ġibjuni.

04.3.38 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1191/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jara kif bil-kuntratturi tal-Kunsill issir spezzjoni fuq l-istess ġiebja bil-ħsieb li nassistu kif nistgħu.

04.3.39 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.3.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1219/22/I** Email mingħand Aqra Miegħi/Read with Me' fejn informaw lill-Kunsill li hemm il-ħsieb li jerġgħu jibdew isiru s-sessjonijiet ta' qari ta' stejjer għat-tfal u staqsew jekk il-Kunsill għandux spazju.

04.3.41 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1219/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkollabora f'din l-inizjattiva.

04.3.42 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

04.3.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1280/22/I** Applikazzjoni mingħand TM għall-parkeġġ riservat ta' residenta fi Triq Pietru D'Armenia.

04.3.44 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1280/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sakemm il-permess li jingħata ma jkunx wieħed personalizzat, u dan minħabba l-problema ta' parking li diġa hemm fl-akwata.

04.3.45 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1359/22/I** Email mingħand l-Awtorità tad-Djar fejn b'referenza għall-Problema tal-ilma f' Sit C u D informaw lill-Kunsill li ser jirrifondu lill-Kunsill €3,000 għall-ispiża li saret biex saret l-investigazzjoni tas-sistema tar-rain water.

04.3.47 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1359/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-għotja kif maqbul.

04.3.48 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.3.50 Is-Sindku Dean Hili staqsa jekk kienx wasal iż-żmien li l-Kunsill jinvesti fix-xiri ta' vetturi li tintuża mill-uffiċċju amministrattiv.

04.3.51 Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jesplora liema skemi jista' japplika għalihom il-Kunsill, biex possibbilment jinxtara van żgħir li jaħdem bid-dawl, fejn preżentement ikun jista' jintuża mill-uffiċċju amministrattiv, u jekk ikun il-każ, il-quddiem ikun jista' jintuża ukoll għal servizzi oħra.

04.3.52 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.53 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.3.54 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għax-xogħol li għadu kif ġie konkluż minn IM fi Triq Falaise u Triq ANZAC, fejn ippropona li ladarba ma sarx minn IM, il-Kunsill jidħol biex jagħmel l-intermitted lines f'nofs it-Triq Falaise u/jew vleġeġ li juri direzzjoni, kif ukoll bollards ħomor biex jeħlu tul il-water culvert biex jitneħħa kull periklu.

04.3.55 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.3.56 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.3.57 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill japprova d-dokumenti tat-tenders relatata ma' tenders PLC/T/01/2022, PLC/T/02/2022, PLC/T/03/2022 u PLC/T/04/2022, kif iċċirkolata lill-membri.

04.3.58 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.3.59 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

04.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, Is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 04.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

04.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 04/2022** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 03/K8/22 u 04/K8/22 **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 05/2022** – Rapport dwar l-istimi miġbura konnessa ma' PLC/Q/01/2022 - Supply, install and commission of CCTV system - Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 06/2022** – Rapport dwar l-istimi miġbura konnessa mal-ġirjiet tal-31 ta' Marzu 2022 **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 07/2022** – Rapport dwar l-istimi miġbura konnessa mat-trasport għall-Attività ta' Ħamis ix-Xirka **(Dok. 4)**
- **Flyer** dwar il-Ħarġa Kulturali għal Ħamis ix-Xirka **(Dok. 5)**

04.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 04/2022** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

04.5.3 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 07/2022** dwar trasport għall-Attività ta' Ħamis ix-Xirka, fejn ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

04.5.6 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.6 PLC/Q/01/2022 - Supply, install and commission of CCTV system - Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

**46/0987/22/I** Kwotazzjoni mingħand Fire Tech għal CCTV tal-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

**46/1084/22/I** Kwotazzjoni mingħand Alberta għal CCTV tal-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

| | |
|---|---|
| **46/1085/22/I** | Kwotazzjoni mingħand ISB Technologies għal CCTV tal-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta. |
| **46/1097/22/I** | Kwotazzjoni mingħand Global Tech għal CCTV tal-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta. |
| **46/1207/22/I** | Kwotazzjoni mingħand J. Grima & Co Ltd. għal CCTV tal-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta. |

04.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-irħas offerta għandha tiġi skartata minħabba li l-offerta kienet nieqsa minn dettalji fejn għalkemm provdew katalgu ta' speċifikazzjonijiet, ma kien hemm imkien speċifikat liema apparat kien ser jiġi provdut. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem ippropona li tintgħażel l-irħas offerta mill-4 offerti li kien għad fadal.

04.6.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

04.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

04.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 6, 7, 8, 9 u 10)**

04.7.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat, inkluż l-aġġustamenti fil-kontijiet tal-MED Dev. Des. and Cons. Ltd referenza 5875/20 li huma kollha konnessa max-xogħol ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta peress li jidher li hemm żball kif inħadmu mil-Perit.

04.7.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

04.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament

## 04.8 Mozzjonijiet.

04.8.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 04.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

04.9.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-6:15pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal-Erbgħa 27 ta' April 2022 fil-5:00pm.

**Konfermati, illum 27 ta' April, 2022**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 04/2022** **24 ta' Marzu 2022**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 03/K8/22 u 04/K8/22

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 25 | 2022 | Mica Med | Tiġi irranġata lampa W019 li tinsab fi Triq Ir-Regimenti Maltin. |
| 26 | 2022 | B. Grima and Sons | Tissupplixxi u twaħħal mera fi Triq ANZAC faċċata ta' Triq F.X Caruana. |
| 27 | 2022 | Dr. Samuel Aquilina | Servizzi ta' tabib 31 ta' Marzu 2022 għal waqt il-girja annwali. |
| 28 | 2022 | Nazzareno Scicluna | Tlabna sabiex fil-31 ta' Marzu 2022, tiprovdilna 5 mobile toilets (2 nisa, 2 irġiel, 1 persuni b'diżabilita). |
| 29 | 2022 | Global Health Services | Servizz ta' ambulanza u paramediċi nhar 31 ta' Marzu għal waqt il-ġirja. |
| 30 | 2022 | Maltapost plc | Tqassam bieb bieb flyer (Attivita' Ħamis ix-Xirka). |
| 33 | 2022 | Mica Med | Tirranġata lampa W104 li tinsab fi Triq Il-Battalja Ta' Malta. |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon

**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 05/2022** **24 ta' Marzu 2022**

# PLC/Q/01/2022 - CCTV at Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta

| Dettalji tal-kumpanija | Prezz € Eskluż il-Vat |
|---|---|
| **J. Grima & Co. Ltd.**<br>130, Triq Psaila, B'Kara, BKR 9077.<br>Tel : 2144 5533 Email: info@jgrima.com | €4,316.00 |
| **Global Tech**<br>Triq Bellavista, San Ġwann, SĠN 2698.<br>Tel: 2138 9389 Email: alex@gtm.com.mt | €4,305.00 |
| **Alberta**<br>Triq San Gwakkin, Zone 3, Central Business District, B'Kara, CBD 3030.<br>Tel: 9992 1187 Email: denis.caruana@alberta.com.mt | €5,909.99 |
| **ISB Technologies**<br>Tel: 9942 7013 Email: Joseph.taliana@isb.com.mt | €4,677.65 |
| **Firetech**<br>99, Triq il-Mitħna, Qormi, QRM 3100.<br>Tel: 2278 5200 Email: aschembri@firetech.com.mt | €2,750.18 |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 06/2022**

**23 ta' Marzu 2022**

# Kwotazzjonijiet relatata mal-ġirjiet tal-31/03/2022

| Dettalji tal-kumpanija | Servizz | Prezz € |
|---|---|---|
| **Dr. Samuel Aquilina**<br>66, Triq it-Torri Gauci, Naxxar, NXR 2142.<br>Tel : 7959 5188 Email: aquilina.sam@gmail.com | Tabib | €150.00 |
| **Ramon Fenech**<br>New Street off Triq Valletta, Luqa, LQA 6000.<br>Tel: 9947 0597 Email: ramon@general-cleaners.com | 5 mobile toilets | €20.00-il wieħed esklużil-Vat |
| **Nazzareno Scicluna**<br>22A, Sqaq Nofsinhar, Żabbar.<br>Tel: 9976 7379 Email: sciclunazaren0@gmail.com | 5 mobile toilets | €20.00-il wieħed inkluż il-Vat |
| **Roberta Mifsud**<br><br>Tel: 9945 5994 Email: robertamifsud83@gmail.com | 5 mobile toilets | €150.00 inkluż il-Vat |
| **Global Security Malta**<br><br>Email: globalsecuritymalta@gmail.com | Ambulanza | Xufier + 2 paramediċi €40.00 is-siegħa eskluż il-Vat |
| **Malta Red Cross**<br>Triq Giacchino le Brun, Pembroke, PBK 1711.<br>Tel: 9938 8112 Email: services@redcross.org.mt | Ambulanza | 2 ambulanzi bil-crew, 4 paramedici, mutur €696.69 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 07/2022**

**23 ta' Marzu 2022**

# Kwotazzjonijiet relatata mat-trasport għal-Ħamis ix-Xirka

| Dettalji tal-kumpanija | Servizz | Prezz € |
|---|---|---|
| **Paramount Coaches**<br>Tel : 9949 2360 Email: info@paramountcoaches.com | 17 seater coach | €65.00 eskluż il-Vat<br>€115.00 eskluż il-Vat |
| **Zarb Coaches**<br>Triq Għargħur, Iklin, IKL 2901.<br>Tel: 2148 9991 Email: sales@zarbcoaches.com | 14 seater<br>18 seater<br>30 seater | €70.00<br>€80.00<br>€120.00 |
| **Koptaco Coaches Cooperative**<br>11, Koptaco Building, Triuq Sliema, Gżira, GŻR 1639.<br>Tel: 7933 8667 Email: anton@koptaco.com | 18 seater | €60.00 eskluż il-Vat |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Sindku : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein, Pembroke, PBK 1776.
Tel : 2137 2111
E Mail : pembroke.lc@gov.mt
Web page : www.pembroke.gov.mt
Facebook : www.facebook.com/Pembrokelocalcouncil

Dok 5

# Ħarġa Kulturali

## INŻURU IL-MIXEGĦLA TAS-SALIB TAL-GĦOLJA FIS-SIĠĠIEWI

## nhar il-Ħamis 14 ta' April 2022

## Tluq fil-5.30pm minn ħdejn l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

### Trasport għall-prezz ta' €3.00

**Kull min hu nteressat huwa mitlub jikkomunika ma' l-Uffiċċju tal-Kunsill sa nhar it-Tnejn 11 ta' April 2022.**

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

Marzu 2022